**Nru. 920**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)**

L-AĠENT Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 920**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)**

THE Acting Permanent Secretary in the Ministry of Education, Employment and the Family has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Mark Mousù | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Sigurtà Soċjali<br>*Social Security* | 6.09 - 12.09.2010 |

Is-7 ta' Settembru, 2010

7th September, 2010

**Nru. 921**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 03162/09
Post: Sit fi Triq l-Inkurunazzjoni, ta' Żokrija, limiti ta' Mosta.
Proposta: Faċilitajiet sportivi biex jikkumplimentaw l-iskola sekondarija ġdida tal-Gvern fiż-Żokrija u bdil fl-użu ta' razzett eżistenti għal użu edukattiv.

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni

**No. 921**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 03162/09
Location: Site at Triq l-Inkurunazzjoni,Taz-Żokrija, limits of Mosta.
Proposal: To add sports facilities to compliment the new Mosta Government school at Żokrija Mosta and change in use of existing farmhouse to educational purposes.

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project

tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fis-6 ta' Lulju, 2010 u fil-ġustifikazzjoni għal eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fit-18 ta' Awwissu 2010.

Description Statement (PDS) submitted to MEPA on 6th July, 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 18th August 2010.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Wirt kulturali | Il-proposta tinsab eżatt barra mill-*buffer zone* tal-Katakombi Ta' Bistra. L-impatti fuq il-Katakombi li jinstabu 180m mis-sit mhumiex meqjusa bħala sinifikanti.Fis-sit jinsabu diversi strutturi rurali u vernakulari li se jiġu integrati bħala parti mill-iżvilupp. Il-ħitan tas-sejjiegħ madwar is-sit ser jinżammu. |
| *Cultural heritage* | *Proposal lies just outside the buffer zone for the Ta' Bistra Catacombs. The proposal is not likely to have a significant effect on these catacombs which lie 180m from the development site. The rural and vernacular features identified within the development site will be integrated into the design of the proposed development. All rubble walls along the perimeter of the site will be retained.* |
| Ħolqien ta' skart | Studji fuq is-sit indikaw il-kwalità u l-livell ta' skavar meħtieġ biex ma jitqattax materjal bla bżonn. Il-ħamrija fuq is-sit ser tintuża jew fuq is-sit innifsu jew tintuża mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni għal skejjel oħra. |
| *Waste generation* | *Site investigations have determined the level and type of rock to be excavated to help to reduce cut and fill during excavations, thus limiting the amount of excavated waste. Soil will either be reused on site or reused by the Department of Education for other schools.* |
| Trabijiet u kwalità tal-arja | L-ammont ta' skavar previst huwa minimu. Biex jitnaqqas l-ammont ta' trabijiet fuq ir-residenzi tal-madwar qed jiġi propost biex is-sit jiġi miġmuħ u protett waqt il-fażi ta' kostruzzjoni flimkien ma' miżuri oħra *standard*. |
| *Dust and air quality* | *Excavation is minimal therefore dust generation is likely to be minimal. To avoid dust generation on the nearby residential properties, it is being proposed to hoard and screen the site during the construction phase in addition to other standard mitigation measures.* |
| Impatt viżiv | Id-disinn ta' din il-proġett ser jiġi integrat mal-iskola li tmiss mas-sit. Għalkemm mhux mistenni li l-proposta ser ikollha impatt sinifikanti, qed tiġi proposta skema ta' tisbiħ. |
| *Visual impact* | *The design of the proposal will integrate with the adjacent school and although no significant visual impacts are likely, a landscaping scheme is being proposed.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-7 ta' Settembru, 2010

7th September, 2010